MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru 700/1996

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antoine Casha)**

**vs**

**Lawrence Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Lawrence Gatt ta' 49 sena bin Joseph u Rita nee' Attard imwieled Rahal Gdid u residenti Senglea akkuzat talli:

1. fl-10 ta' Awissu 1988 f'H'Attard ikkommetta serq ta' briefcase li kien fiha l-ammont ta' Lm7000 fi flus u Lm3000 f'cekkijiet ghad-dannu tal-kumpanija Tessons liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi Lm1000;

2. fit-22 ta’ Jannar 1990 f’tal-Handaq limiti ta’ Hal Qormi ikkommetta serq ta’ Lm3700 fi flus u Lm6000 f’cekkijiet ghad-dannu tal-kumpanija Tessons liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi Lm1000;

3. fit-3 ta’ Lulju 1990 f’B’Kara ikkommetta serq ta’ Lm10522 fi flus u Lm3528 f’cekkijiet ghad-dannu tal-kumpanija Tessons liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, lok u valur li jeccedi Lm1000.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Jannar 2000 fejn dik il-Qorti hassret u rrevokat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Frar 1999 u ‘sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppio ezami’ baghatet l-atti lura lil din il-Qorti sabiex wara li tisma l-provi mill-gdid tiddecidi l-kawza skond il-ligi.

Rat il-verbal folio 545 fejn il-partijiet qablu li l-kawza tinstema u tigi deciza minn din il-Qorti kif preseduta.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi l-intopp li wassal sabiex il-kawza tigi rimessa lil din il-qorti mill-Qorti ta’ l-Appell wara li giet imhassra u revokata s-sentenza tas-26 ta’ Frar 1999 kien li ntravediet ‘nuqqas ta’ formolita sostanzjali’ konsistenti filli filwaqt li fil-parti deliberattiva kien jidher li kien jirrizultalha li kien hemm provi sufficjenti sabiex l-imputat jinstab hati taz-zewg serqiet li kienu sehhew f’H’Attard u Santa Venera (recte B’Kara) fil-parti decizjonali l-imputat instab hati ta’ l-ewwel u t-tieni cioe’ is-serqiet li saru f’H’Attard u Tal-Handaq.

Intant il-kawza nstemghet mill-gdid minn din il-qorti bl-adezjoni sija tal-prosekuzzjoni u l-imputat u fis-sustanza l-provi dwar is-serqiet ‘per se’ baqghu dawk li kienu, cioe’ li s-serqa tal-10 t’Awissu 1988 kienet twettqet minn fuq il-

persuna ta' Adrian Farrugia li kien dak iz-zmien l-accountant tas-socjeta' Tessons Limited meta kien hareg mir-residenza tieghu f'H'Attard u gie ffirmat b'arma tan-nar u ttiehditlu l-bagalja kontenenti flus u cekks proprjeta tal-kumpanija; li s-serqa tat-22 ta' Jannar 1990 kienet twettqet minn fuq il-persuna ta' Henri Darmanin li dak iz-zmien kien kaxxier tal-istess socjeta' u gie assaltat u ffirmat b'arma tan-nar fil-hin li kien appena hareg mill-fabbrika tas-socjeta' u ttiehdulu flus appartenenti lilha; li s-serqa tat-3 ta' Lulju 1990 twettqet fuq il-persuna ta' Charles Degabriele pjazzista tal-imsemmija socjeta' li wkoll gie derubat minn flus proprjeta' tas-socjeta'.

Illi l-provi huma cari dwar li fit-tlett serqiet hadu sehem tlieta minn nies li wiehed minnhom kien is-sewwieq. L-imputat jirrizulta, ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, li kien is-sewwieq almenu fit-tielet serqa, fejn l-identifikazzjoni tieghu kienet u baqghet posittiva, mentri mill-provi t'issa ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest li kien ukoll ko-involt fl-ewwel u fit-tieni serqa.

Illi l-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li pero ma tolqotx it-tielet akkuza li taghha din il-Qorti ser issibu hati.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(b), 267, 278, 269(g), 276, 277(a), 279(b), 280(2) u 31 tal-Kap 9 ssibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah sentejn prigunerija. Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 ma jirrizultax li gew inkorsi xi spejjez fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Illi ghal dik li hi piena tal-prigunerija hi llum il-fehma tal-Qorti li m'ghandhiex tapplika s-sospensjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------